**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 194/2016**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Dennis Theuma)**

**vs**

**Mohammed Husayn Mustafa Omar**

**Illum, 23 ta' Novembru 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mohammed Husayn Mustafa Omar ta' 29 sena, iben Husayn Mustafa u Kamila, imwieled il-Libja nhar il-21 ta' Gunju 1987, residenti gewwa c-Centru tar-Rifugjati, Hal Far limiti ta' Birzebbugia u detentur tar-Refcom numru 20384-16;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Awwissu 2016 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta

ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz u li m'hemmx kontestazzjoni dwarhom kienu s-segwenti: Fil-hinijiet bikrija tal-21 ta' Awwissu 2016, ghall-habta tas-1.15 a.m., pulizija tar-*Rapid Intervention Unit* kienu qeghdin jaghmlu *road checks* gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan, fejn waqqfu vettura tal-ghamla Volkswagen Passat. Bhala passiggier f'din il-vettura, kien hemm l-imputat odjern, li nghata struzzjonijiet biex johrog mill-vettura u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, fil-but tax-xellug tal-qalziet, instabet borza b'diversi bicciet

suspettati raza tal-*cannabis* u pakketti bi trab abjad. Dawn gew mghoddija lill-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga.[1]

Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa ghamel analizi fuq sustanzi ta' lewn kannella u hames qratas tal-plastik li kien fihom trab ta' lewn abjad. Huwa kkonkluda bil-mod segwenti:

a) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Il-piz totali tas-sustanzi kien ta' <u>8.62 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka 4.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad, ma nstabitx droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

<u>L-ewwel imputazzjoni</u> migjuba fil-konfront tal-imputat tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokaina.

Jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, madankollu, illi s-sustanza bajda misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx droga, li jfisser ghalhekk illi l-imputat ma kienx fil-pussess tad-droga kokaina. Wisq inqas ghalhekk jista' jirrizulta illi kellu l-pussess aggravat tal-istess.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizutlax ippruvata.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, imbaghad, l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*.

Kif inghad, m'hemm l-ebda kontestazzjoni u *del resto* lanqas ma hemm dubju illi fil-pussess tal-imputat instabet sustanza ta' lewn kannella u in oltre jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut illi din is-sustanza kienet effettivament raza tal-*cannabis*.

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar il-21 ta' Awwissu 2016, wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi u wara li ghazel li jikkonsulta ma' avukat.[2] Fl-

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1354 Claudio Coppola (a fol. 13 sa 15 tal-process); ix-xhieda ta' PC 1214 Malcolm Brandon Smith (a fol. 18 sa 20 tal-process) u x-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef (a fol. 24 sa 25 tal-process).
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 16 u 17 tal-process.

istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi l-Erbgha ta' qabel (ossia ghalhekk fis-17 ta' Awwissu 2016), bil-lejl, huwa kien qieghed Paceville jixrob u jiehu pjacir, meta qala' xebgha minghand zewg persuni li hadulu l-*mobile* u l-kartiera, f'liema kartiera kellu xi €125. Jghid ukoll illi l-Gimgha (u cioe` ghalhekk fid-19 ta' Awwissu 2016), huwa rega' ra lil dawn il-persuni u qghadilhom ghassa ghal madwar saghtejn jew tlieta, f'liema hin, huwa rahom ibieghu d-droga lil terzi persuni u rahom ukoll jahbu d-droga. F'xi hin marru l-pulizija jfittxu fuq in-nies u fittxew anke fuqu, u x'hin telqu, huwa mar u hadilhom il-borza. Izjed qabel fl-istqarrija jispjega illi d-drogi kienu mohbijin fil-*bricks* fejn kien ra lil dawn il-persuni jqeghduha u li huwa ha d-droga, hekk kif dawn telqu, wara li kienu marru l-pulizija fuq il-post. L-imputat jghid ukoll illi huwa ha din il-borza (bis-sustanzi) biex ipartatha mal-*mobile* u l-kartiera li kienu hadulu; fi kliemu stess "*tini u nghatik*".[3] Jghid ukoll, izjed qabel fl-istqarrija, meta mistoqsi ghaliex dawn is-sustanzi kienu fil-pussess tieghu, illi huwa kien ser ikellem lill-persuni li hadulu hwejjgu u kemm il-darba dawn ma kienux ser jaghtuhomlu lura, "*kont ha nbieghhom jien*".[4] Mistoqsi fejn kien ha jbieghhom, huwa jghid "*fejn narahom ibighu dik it-triq minn fejn il-Havana go Paceville fejn qed jibnu fil-bini hemmhekk ibighu*".[5] Mistoqsi wkoll kif kien ser ibiegh id-droga, huwa qal "*Ha nara nies xi jridu u nsaqsi kemm irrid jhallasni*".[6] Jghid illi d-droga kienet ilha ghandu mill-Gimgha filghaxija u li ma kienx gharaf x'ser jaghmel biha. Sa dakinhar, la ha u lanqas kien biegh minnha. Jghid illi x'hin kien hemm il-pulizija, huwa ma qalilhomx b'dan kollu, ghaliex huma telqu u jghid ukoll illi meta gie msawwat lanqas ma ghamel rapport lill-pulizija, ghaliex ma kellux hin u telaq stante li kien filghodu. Minn dakinhar li hadha, kien ghadu ma ltaqax ma' dawn iz-zewg persuni. Mistoqsi x'kienu s-sustanza fil-borza, huwa qal li wahda kienet haxixa u li skont xi hadd li kien daq is-sustanza bajda, din kienet *panadol.* Huwa jghid ukoll illi qatt ma uza droga u qatt ma biegh droga f'Malta.

L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri.[7] Jerga' jikkonferma dak li qal fl-istqarrija tieghu fis-sens illi kien gie msawwat minn zewg Somali gewwa Paceville waqt li kien qieghed hdejn il-bahar, ghalkemm jghid illi dan sehh fil-lejl ta' bejn il-Gimgha u s-Sibt (fl-istqarrija tieghu, jghid illi dan kien sehh l-Erbgha ta' qabel) u li kienu nsterqulu l-*mobile* u l-kartiera li fiha kellu €125. Jghid illi l-ghada u cioe` fil-jum tas-Sibt, bil-lejl, rahom jahbu d-droga fil-*bricks* u hadilhom din id-droga. Jghid illi dak il-hin ma kienx jaf li kienet droga, izda meta raha, gharafha u

[3] A fol. 17 tal-process.
[4] A fol. 16 tal-process.
[5] A fol. 16 tal-process.
[6] A fol. 17 tal-process.
[7] Ara x-xhieda tieghu a fol. 49 sa 63 tal-process.

hadha. Ikkonferma dak li qal fl-istqarrija illi kien ilu josservahom xi saghtejn u li kien ha d-droga sabiex jitlob il-*mobile* u l-kartiera tieghu lil dawn il-persuni. Jghid illi kellu ritratt ta' missieru fuq il-*mobile* u li kien ser jghidilhom li kien jaghtihom lura d-droga taghhom, kemm il-darba jaghtuh hwejjgu lura. Jghid illi rega' mar biex ikellimhom (ghalkemm izjed tard jghid ukoll illi ma kienx jaf x'ser jaghmel), izda fit-triq inqabad mill-pulizija bid-droga. Skont hu, dan kien il-Hadd. Jghid illi huwa ha d-droga u telaq, meta mbaghad qabduh fir-*road block* u li ma lahaqx mar isibhom ghax gie arrestat. Wara jghid ukoll illi huwa ma giex arrestat fl-istess lejl li fih ha d-droga mill-*bricks*, izda l-ghada. Jghid illi ma bieghx minn din id-droga li kien ha u lanqas qatt ma biegh droga f'Malta.

In kontro-ezami, mistoqsi x'kien ser jaghmel bid-droga kemm il-darba ma kienx jinghata hwejjgu lura, huwa jghid biss illi kien ser jghidilhom biex jaghtuh l-oggetti tieghu lura. Jghid ukoll illi kienu ghaddew jumejn minn meta ha d-droga sakemm qabduh biha l-pulizija. Jghid illi huwa kien qal illi kien ser ibiegh id-droga fl-istqarrija tieghu "*ghax bis-serjeta` ma nafx ser nghidlek*"[8] u dwar dan imbaghad spjega li ma kienx jaf x'ser jaghmel bid-droga. Kull ma ried kien il-*mobile* tieghu u xejn izjed. Jghid illi ma kienx kellem lill-pulizija ghaliex kien fis-sakra u meta kien hemm il-pulizija fil-post minn fejn huwa ha d-droga, huwa ma qalilhomx b'dan "*ghax ma nafx x'gara bis-serjeta` u ma kellimthomx*".[9] Jghid illi huwa rahom jahbu d-droga fil-*bricks*, hdejn il-bahar gewwa Paceville.

Il-Qorti tinnota li kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu dwar kif kien gie fil-pussess tad-droga li nstabet fuqu, hlief ghal xi inkonsistenzi fil-granet li fihom sehhet il-grajja kollha, li l-Qorti ma tqisx bhala importanti, u hlief ukoll ghal inkonsistenza dwar x'kien bi hsiebu jaghmel bid-droga kemm il-darba ma kienx jirnexxilu jiehu lura hwejjgu minghand il-persuni li kienu haduhomlu. Fil-fatt fil-waqt illi fl-istqarrija tieghu, huwa jghid illi kien ser ibiegh id-droga kemm il-darba ma jottjenix hwejjgu lura, fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi l-intenzjoni tieghu kienet biss li jikseb hwejjgu u fin-nuqqas, ma kienx jaf x'ser jaghmel bid-droga.

Jibda biex jinghad illi tenut kont illi l-imputat baqa' jzomm mal-verzjoni tieghu, li nghatat minnu sa mill-bidu nett u tenut kont ukoll illi fl-esperjenza taghha in konnessjoni ma' kawzi dwar droga, din il-Qorti ltaqghet ma' bosta kazijiet, fejn effettivament persuni ta' nazzjonalita` barranija gew osservati jittraffikaw u jahbu d-droga proprju fl-akkwati indikati mill-istess imputat, akkwati dawn li saru

---

[8] A fol. 57 tal-process.
[9] A fol. 59 tal-process.

rinomati ghal traffikar ta' droga, il-Qorti ma tistax tghid illi din il-verzjoni tal-imputat m'hijiex verosimili. Fil-fatt f'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota wkoll illi l-Prosekuzzjoni lanqas ma ddubitat din il-verzjoni, izda fis-sottomissjonijiet taghha sahqet dwar l-intenzjoni tal-imputat u li effettivament tali intenzjoni kienet li huwa jbiegh id-droga miksuba minnu, kif qal fl-istqarrija tieghu. Dwar dan, il-Qorti tqis illi *a tempo vergine* l-imputat qal b'mod car x'kien bihsiebu jaghmel b'din id-droga kemm il-darba huwa ma kienx jinghata lura hwejjgu. Mhux biss indika li kien ser ibieghha, izda jghid ukoll fejn u kif kien ser jaghmel dan. Ghalkemm fix-xhieda tieghu, jghid illi qal dan fl-istqarrija tieghu ghaliex ma kienx jaf x'ser jghid, il-Qorti tqis illi dan qajla jaghmel sens, ghaliex min ma jkunx jaf x'ser jghid, jghid sempliciment 'ma nafx' jew xi haga simili jew inkella ma jghid xejn u mhux jghid li kien ser ibiegh id-droga, biss biex jghid xi haga! Minkejja illi l-imputat jghid ukoll illi kien ghadu ma bieghx mid-droga, ghalkemm din kienet ilha ghandu xi erbgha u ghoxrin siegha, dan ma jnaqqas xejn minn dak li jghid dwar x'kienu l-intenzjonijiet tieghu, kemm il-darba l-pjan li jottjeni hwejjgu lura, ma kienx jirnexxi. Il-Qorti tinnota wkoll illi PS 1354 Claudio Coppola jghid illi hekk kif instabet is-sustanza fil-pussess tal-imputat, huwa tah id-drittijiet tieghu u l-imputat qallu – b'referenza ghas-sustanzi misjuba - li dawn kien seraqhom biex ibieghhom ghax kellu bzonn il-flus.[10] PS 839 Stephen Micallef ukoll jghid illi wara li l-imputat diga` kien inghata d-drittijiet tieghu, huwa qallu li kien jaf fejn is-suwed jahbu d-droga gewwa Paceville, fi Triq San Gorg, u hadilhom il-borza biex jipprova jbieghha, ghaliex hu kien insteraq ftit qabel minnhom.[11] Ghalhekk wara li l-imputat inghata d-drittijiet tieghu, ghal darba tnejn, huwa baqa' jzomm ma' din il-verzjoni. Minkejja li l-buon sens u l-logika kienu jiddettaw illi huwa jirrapporta lill-pulizija b'dak li kien gralu, specjalment meta l-persuni li hadulu hwejjgu kienu f'xi hin fil-lejl tal-Gimgha, fl-istess post fejn kienu prezenti kemm hu, kif ukoll il-pulizija, huwa ghazel minflok li johdilhom id-droga, u dan fil-fehma tal-Qorti, biex igib lura dak li kien ittehidlu, tal-inqas fi flus.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi anke li kieku ghall-grazzja tal-argument, l-intenzjoni tal-imputat kienet biss illi huwa jzomm id-droga sabiex ikun jista' jottjeni hwejjgu lura minghand iz-zewg persuni li haduhomlu u li ma kienx jaf x'ser jaghmel biha kemm il-darba dan ma jirnexxilux, jibqa' l-fatt illi l-imputat stess qal ukoll fl-istqarrija tieghu illi huwa ma kienx juza droga u imkien fil-fatt ma allega illi f'dak il-kaz, huwa kien ser izommhom ghall-uzu tieghu.

---

[10] A fol. 14 tal-process.
[11] A fol. 25 tal-process.

Dwar l-elementi tar-reat in kwistjoni u b'mod partikolari l-element intenzjonali li taghmel referenza ghalih id-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha.*" (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Huwa car ghalhekk illi l-ligi taghna ma tirrikjedix l-*animus* fil-pussessur li jispacca d-droga lil terzi, sabiex tinstab htija ta' pussess bl-aggravanti, izda huwa sufficjenti illi jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-pussess tad-droga ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tieghu. F'dan il-kaz, kif inghad, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-imputat kien jabbuza mid-droga – anzi huwa cahad dan specifikatament fl-istqarrija tieghu – jew altrimenti li kien bi hsiebu jibda jabbuza minnha u ghaldaqstant la jista' jinghad li dik id-droga kienet ghall-uzu, u wisq inqas ghall-uzu esklussiv, tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda fl-ewwel lok tqis illi minkejja li l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-

investigazzjoni taghha. Tqis ukoll il-fedina penali tieghu li hija wahda netta, ghalkemm f'dan ir-rigward irid jinghad ukoll illi skont l-istqarrija rilaxxjata minnu, meta gie arrestat, huwa kien ilu biss "*kwazi 3 xhur u nofs*"[12] gewwa Malta.

Tqis ukoll in-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-imputat qed jinstab hati, l-ammont ta' raza tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tieghu u li l-piz ta' din is-sustanza kien ta' 8.62 grammi, b'purita` normali, ghalkemm pjuttost baxxa, ta' cirka 4.5% u li jekk wiehed iqis illi doza wahda ta' *cannabis* f'*joint* hija normalment ta' 0.2 grammi, dan ifisser illi l-imsemmi piz kellu potenzjal ta' cirka 43 *joint*. Tqis ukoll mill-banda l-ohra, illi m'hemm xejn fl-atti li jindika li l-imputat kien fic-cirku tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li tieghu qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u piena ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez rigwardanti l-esperti mahtura fil-mori ta' dawn il-proceduri, izda stante li l-imputat qed jinstab hati biss tat-tieni imputazzjoni u mhux tal-ewwel imputazzjoni u dan fid-dawl tal-fatt illi ma nstabitx droga fis-sustanza bajda fuq imsemmija, huwa qed jigi kkundannat ihallas <u>nofs</u> l-ispejjez konnessi mal-inkarigu tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti dan in-nofs ghas-somma ta' sitta u sebghin Euro u sebghin centezmu (€76.70).

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dokument MB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[12] A fol. 16 tal-process.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* (u zewg *sim cards*) esebiti bhala Dokument MB 1 favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat